Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

# NATIONAL HOUSEHOLD AND TRAVEL SURVEY

tm
Transport Malta

ta' Laura Galea,
Assistant Manager Sustainability & EU Affairs,
L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

Dan ix-xahar se ngħaddulkom ftit informazzjoni dwar in-National Household and Travel Survey, li sar fl-2021. Dan l-istudju jħares lejn id-drawwiet tal-Maltin u l-Għawdxin fejn jidħol it-trasport li jintuża fil-gżejjer Maltin. Dan l-istħarriġ tnieda mill-Ministeru għat-Trasport u l-Proġetti Kapitali, bil-kollaborazzjoni tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). Dan l-istħarriġ hu r-raba' wieħed ta' din ix-xorta. L-aħħar darba li sar wieħed bħalu kien fl-2010. Din kienet l-ewwel darba li studju ta' dan it-tip sar permezz ta' mezzi diġitali. L-iskop tan-National Transport Household Survey kien li jipprovdi stampa aktar ċara tal-imġiba tal-popolazzjoni Maltija miġbura minn kampjun rappreżentattiv.

F'dan l-istħarriġ ħadu sehem persuni li għandhom 'il fuq minn erbatax-il sena. Permezz ta' dan l-istudju l-awtoritajiet konċernati ser ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom aħjar dwar l-istrateġija li għandna nimxu biha għall-futur ta' pajjiżna, speċjalment rigward it-Transport Master Plan u t-Transport Strategy. Dan se jgħin ukoll biex Malta tilħaq il-miri tagħha fejn jidħlu l-obbligi li għandha rigward l-ambjent bħala pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea, skont il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-2021-2027. Apparti minn hekk, dan l-istħarriġ se jgħinna wkoll biex inkunu nistgħu nidentifikaw u nimxu 'l quddiem bħala poplu lejn ħajja aktar sostenibbli, mobbli u arja aktar nadifa fejn jidħol is-settur tat-trasport.

Dan l-istħarriġ kien maqsum f'żewġ partijiet. L-ewwel parti ffukat l-aktar fuq mistoqsijiet inġenerali rigward il-membri tal-familja kif ukoll in-numru ta' vetturi li dawn il-membri għandhom. Din il-parti saret qabel is-17 ta' Novembru 2021, il-ġurnata li ssejħet "Jum l-Ivvjaġġar" (Travel Day). Dakinhar tnediet it-tieni parti ta' dan l-istħarriġ, li fiha kull persuna li tgħix f'kull dar fejn intbagħtu dawn il-kwestjonarji kellha tagħti rendikont tal-movimenti tagħha fejn għandu x'jaqsam it-trasport. Allura x'ġara f'Jum l-Ivvjaġġar, u għaliex intgħażlet din il-ġurnata? Intgħażlet minn Transport Malta biex tirrappreżenta ġurnata tipika ta' vjaġġar madwar Malta u Għawdex. Intgħażel dakinhar għax ma kienx hemm avvenimenti nazzjonali, festi nazzjonali jew okkorrenzi oħra barra mis-soltu, bħall-għeluq tal-iskejjel. Ma sarux xogħlijiet kbar fit-toroq f'Jum l-Ivvjaġġar, ħlief dawk fil-parti ta' Ħal Luqa, li tiġi l-parti tan-Nofsinhar. Din il-ġurnata għalhekk ippermettiet il-ġbir ta' data siewja li tagħti stampa tad-drawwiet attwali tal-ivvjaġġar tan-nies, biex jiġu stabbiliti l-bżonnijiet tat-trasport għall-futur.

F'dawn l-aħħar għaxar snin rajna ħafna tibdiliet fil-mod kif aħna l-Maltin nivvjaġġaw, l-iktar fl-aħħar snin. Dawn it-tibdiliet ġew imħeġġa aktar permezz ta' inċentivi għall-użu ta' mezzi tat-trasport aktar sostenibbli, bħat-trasport pubbliku, li beda jingħata b'xejn mill-1 t'Ottubru li għadda. Ingħataw aktar inċentivi għax-xiri ta' vetturi elettriċi u n-nies qed jiġu mħeġġa jużaw aktar ir-roti jew saħansitra, fejn jistgħu, imorru bil-mixi.

